# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 818/01/SM**

**Lada Motors Limited**

**vs**

**Mario Libreri u Olga Libreri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erbghin liri Maltin (LM1,740.00,0), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi u mmarkati Dok. 1 sa Dok. 30, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu;**

**Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fl-24 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**